MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' April, 2009

Numru 65/2009

**Pulizija**
**(Spettur Ian J. Abdilla)**

**vs**

**Orlando Cassar**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Orlando Cassar ta' 44 sena, iben il-mejjet Edgar u Carmen nee' Portelli, imwieled Sliema fis-16 ta' Novembru 1964 u residenti f' Numru 38 Brug 2, Flat 5, Triq il-Vlontin, Birkirkara u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 601264(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F' Ottubru 2008, u fil-granet u fix-xhur ta' qabel f' dan il-Gzejjer,

1. Iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b' xi att pubbliku tal-Gvern; kif ukoll talli xjentament ghamel uzu minnhom; (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 167 u 169 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentament ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza; (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn skrittura privata iffalsifikata li tkun tista' taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli; (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 187 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

4. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat; (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-

proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta’ Marzu 2009 (esebit a folio 10 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-6 ta’ April. 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tas-6 ta’ April, 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ta’ l- akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk jrid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fedina penali relattivament netta ta’ l-imputat (esebita a folio 4 tal-process), l-fatt li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri u l-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 167, 169, 183, 184, 187(2) u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’ applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap.

446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena (1) millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------